**11 ta' Diċembru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Mallia *noe*

*versus*

Amanda Grech *noe*

**Inappellabilità ta' Sentenzi mill-Qrati Inferjuri fejn il-Valur involut huwa anqas minn Lm50 – Appell biss fuq Punt ta' Liġi deċiż fis-Sentenza li minnha qed isir l-Appell**

*Il-Qorti ddikjarat Appell minn Qorti Inferjuri fejn il-valur in kwistjoni kien anqas minn Lm50 irritu u null peress li fit-termini ta' l-artikolu 228(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ebda wieħed mill-punti mqajma fil-Petizzjoni ma kienu msemmija fis-sentenza li minnha kien ippruvat tappella l-konvenuta.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' l-14 ta' April, 1992, li minnha sar l-appell preżenti u li taqra hekk:

Rat l-Avviż għall-kundanna tal-konvenuta *noe* biex tħallas lill-attur *nomine* tletin lira Maltija (Lm30) għar-"*royalty*" dovuta in konnessjoni mal-Liċenzja Nru. 7810 (Dok. "A") lill-konvenuta *noe* rrilaxxjata mis-Soċjetà attriċi, relattivament għal-"*La Vigna Restaurant*", 6 Tigne Street, Sliema, għall-perijodu mis-6 ta' Jannar, 1991, sal-5 ta' Jannar, 1992, bl-imgħax kummerċjali mill-iskadenza relattiva sal-ħlas effettiv;

Bl-ispejjeż kompriżi Lm1 ta' l-ittra legali tat-13 ta' Marzu, 1991 kontra l-konvenuta *nomine* li ġiet inġunta għas-subizzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta *noe* a fol. 8;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

*Omissis;*

**DEĊIŻJONI**

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad it-talba ta' l-attur *noe;*

Bl-ispejjeż kontra tiegħu'';

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 1992 qabel xejn trid tiġi deċiża l-preġudizzjali tan-nullità ta' l-appell issollevata mill-appellata;

L-appellata qed issostni illi billi l-mertu tat-talba ma jeċċedix il-Lm50 l-attur *nomine* m'għandux dritt ta' appell;

L-appellant qed isostni illi għandu dritt ta' l-appell peress li huwa qed jappella fuq punt ta' liġi deċiż fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 1992 qabel xejn trid tiġi deċiża l-preġudizzjali tan-nullità ta' l-

appell issollevata mill-appellata;

L-appellata qed issostni illi billi l-meritu tat-talba ma jeċċedix il-Lm50 l-attur *nomine* m'għandux dritt ta' appell;

L-appellant qed isostni illi għandu dritt ta' l-appell peress li huwa qed jappella fuq punt ta' liġi deċiż fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament l-appellant qed isostni illi l-ewwel Onorabbli Qorti mmotivat is-sentenza tagħha fuq interpretazzjoni għal kollox skorretta legalment tal-paragrafu numru (1) tal-klawsola numru 6 tal-*Copyright Music Licence Contract* (Dok. A) kif ukoll fuq applikazzjoni ta' l-istess b'mod wisq liberali u għal kollox inġustifikat a favur tal-konvenuta appellata;

Issa, jiġi rrilevat li l-artikolu 228(2) huwa kategoriku fis-sens li trattandosi ta' kawżi fejn il-valur involut huwa ta' inqas minn Lm50, huwa mogħti biss appell fuq punt ta' liġi deċiż fis-sentenza li minnha jkun qed isir l-appell. Jiġifieri mhux mogħti appell fuq punt ta' liġi b'mod ġeneriku iżda unikament fuq dak il- punt/i ta' liġi li jkunu ġew deċiżi fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti, fliet is-sentenza appellata kif ukoll il-petizzjoni ta' l-appell u għalkemm ma hemmx dubju li fil-petizzjoni ta' l-appell l-appellant issolleva diversi punti ta' liġi, effettivament ma jidhirx li l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ddeċidiet xi punt ta' liġi. Infatti dak li ddeċidiet huwa jekk l-appellata osservatx il-kuntratt jew le u dan bħala kwistjoni ta' fatt altru milli ta' liġi. L-appellant issottometta li l-kuntratt

jikkostitwixxi liġi bejn il-partijiet u għalhekk kull interpretazzjoni tiegħu jew ta' xi parti tiegħu tammonta għal interpretazzjoni ta' liġi. Din il-Qorti, però, ma taqbilx li din hija l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata lill-artikolu msemmi ammennocchè l-interpretazzjoni tal-kuntratt ma tkunx irrisolviet ruħha f'interpretazzjoni ta' liġi proprja. Din il-Qorti, tirrepeti li l-appellant fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu ssolleva dilversi punti ta' liġi xi wħud minnhom ta' ċertu valur iżda li però m'humiex riflessi fis-sentenza appellata billi l-istess ma ġewx espressament deċiżi biha. Hekk per eżempju jekk l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet tajjeb jew ħażin li fis-sistema postali Maltija ma teżistix is-sistema ta' *"recorded delivery"* din hija kostatazzjoni ta' fatt u ma tistax tiġi attakkata f'dan l-appell fiċ-ċirkostanzi restrittivi tal-valur tat-talba. Dur dur mal-petizzjoni, din il-Qorti baqgħet bl-istess konvinċement illi l-appellant qed jissolleva diversi punti legali iżda li l-ebda wieħed minnhom ma ġie verament deċiż bħala punt legali mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, din il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null peress li fit-termini ta' l-artikolu 228(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) ma setax isir u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jiġu ssopportati mill-istess appellant.